**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-PETIZZJONIJIET**

**LAQGĦA NRU 8**

**It-Tlieta, 29 ta' Ottubru 2024**

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Petizzjonijiet iltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fil-5:05p.m.

L-Onor. Chris Agius, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Charles Azzopardi, l-Onor. Ivan Castillo u l-Onor. Katya de Giovanni.

Preżenti wkoll kien hemm l-Onor. Albert Buttigieg u l-Onor. Rebekah Borg li kienu se jagħmlu intervent fuq xi petizzjonijiet li kien hemm fuq l-Aġenda.

**MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 7 li saret fit-2 ta' Lulju 2024, ġew ikkonfermati.

Il-President tal-Kumitat, l-Onor. Chris Agius, ippreżenta għall-informazzjoni tal-Kumitat:

| | |
|---|---|
| Dok. 19 | Lista' Petizzjonijiet imwieġba u pendenti li kienu fuq l-Aġenda |

Bil-qbil tal-Kumitat, il-kumitat beda bil-petizzjoni nru 37.

<u>Petizzjoni Nru 37 – Stop Noise Pollution</u>: Bil-permess tal-kumitat tkellmu s-sinjura Anna Maria Baldacchino, Dr Lorraine Conti u s-sinjura Ivana Priyavko. It-tliet persuni preżentaw xi dokumenti li qegħdin imsemmiha hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Dok. 20 | Pendrive b'26 video clips miġbuda f'Tas-Sliema u l-istorjbu li hemm preżentata mis-sinjura Anna Maria Baldacchino. |
| Dok. 21 | Dokument bl-isem "Effects of Leisure Noise on Human Health, Dr Andrew Sciberras, 27/10/2024", preżentant minn Dr. Lorraine Conti |

Dok. 22 Informazzjoni u kopja tal-liġi dwar l-istorbju, preżentanta mis-sinjura Ivana Priyavko

L-Onor. Ivan Castillo jsemmi Noise Ordinance Act fit-2016 li kien qed jippilota Dr Josè Herrera dak iż-żmien kien Ministru. Semma wkoll li l-Pulizija ma għandhomx decible metres. Talab biex din il-materija tgħaddi għand il-Ministru mal-ewwel. L-Onor. Albert Buttigieg ingħata l-permess biex jitkellem fejn semma l-Noise Action Plan 2019 – 2024. L-Onor. Rebekah Borg ukoll ingħatat il-permess biex titkellem u semmiet li din hi kwistjoni ta' nazzjoni mhux lokali. Il-Kumitat qabel li għandhom ikunu notifikati l-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol u l-Ministeru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika.

Bi qbil, il-kumitat mexa għal Petizzjoni MP-6

<u>Petizzjoni MP-6 – Ftuħ ta' Għassa f'San Ġwann</u>: L-Onor. Albert Buttigieg tkellem rigward il-petizzjoni li sottometta f'isem ir-residenti ta' San Ġwann. L-Onor. Castillo saħaq li peress li kien u saru mistoqsijiet parlamentari, u allura talab jekk jistax jiġi l-Ministru jew rappreżentant tiegħu biex jispjega u jagħti raġunijiet. Il-President tal-Kumitat qal li qed jevalwa li tinbidel il-prattika li jiġu rappreżantanti tal-Ministeri biex ikunu mistiedna biex iwieġbu għal petizzjonijiet.

<u>Petizzjoni Nru 15 – Erġgħu Iftħu l-Iskola Primarja fl-Imtarfa</u>: Il-President tal-Kumitat qara t-tweġiba li bagħat il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni. L-Onor. Rebekah Borg ingħatat il-permess biex titkellem dwar il-petizzjoni fejn semmiet li l-petizzjoni tgħid biex terġa' tinfetaħ skola fl-Imtarfa. L-Onor. Charles Azzopardi nnota li fl-Imtarfa dejjem kien hemm skola primarja u issa mhux se jkun hemm u minn kif jidher mit-tweġiba, mhux se jkun hemm skola primarja oħra. Bi qbil tal-kumitat, ir-risposta kellha tintbagħat lil min għamel il-petizzjoni u tiġi kkunsidrata bħala eżawrita.
** Emenda skont il-laqgħa nru 9 tal-4 ta' Frar 2025: L-Onor. Charles Azzopardi żid li mir-risposta jidher li l-Gvern qiegħed jindika li mhux se jkun hemm Skola Primarja oħra fl-Imtarfa.*

<u>Petizzjoni Nru 25: Infruzaw permessi regolatorji lil Bitmac LTD rigward emissjonijiet tossiċi:</u> Il-President tal-Kumitat qara t-tweġiba li ntbagħat mill-Ministeru. L-Onor. Albert Buttigieg saħaq li qed nitkellmu fuq is-saħħa pubblika ta' min joqgħod fil-madwar. L-Onor. Ivan Castillo talab biex tintbagħat reminder lil min wieġeb biex ikun jista' jagħti tweġiba ċara fuq it-talba tal-petizzjoni u jekk wara l-ġimgħat imsemmija fit-tweġiba għaddewx.

Il-Kumitat kompla bil-petizzjonijiet li kien hemm fuq l-aġenda.

<u>Petizzjoni Nru 10 - Government Land – Site at Tal-Qortin, between Triq is-Sagħtar and Triq il-Miġbha Mellieħa;</u> il-President tal-Kumitat qara t-tweġiba li ntbagħtet mill-Ministeru. L-Onor. Castillo staqsa għala ma baqgħetx bħala open area u marret għal żvilupp imma l-kumitat qabel li din it-tweġiba tgħaddi għand min għamel il-petizzjoni u tiġi kkunsidrata bħala eżawrita.

** Emenda skont il-laqgħa nru 9 tal-4 ta' Frar 2025: L-Onor. Castillo talab li ma tiġix ikkunsidrata bħala eżawrita peress li l-Ministeru għadu jrid jagħti spjegazzjoni għala l-art ma baqgħetx open area imma marret għall-iżvilupp.*

Petizzjoni Nru 12 - Protecting Interests, Rights And Privileges Of Minority Groups; Il-Kumitat għadu qed jistenna risposta mingħand il-Ministeru u għaldaqstant intalab biex tintbagħat reminder oħra lis-Segretarju Permanenti, kif ukoll ifakkar li din ilha aktar minn sena. Il-Kumitat qabel li għandha ssir diskussjoni mal-Ispeaker fuq dawn il-petizzjonijiet

Petizzjoni Nru 13 - Revision of the legality of heated tobacco products; Il-President tal-Kumitat qara t-tweġiba. L-Onor. Castillo stqarr li mhux ċar għala sigaretti u vapes huma legali imma heated tobacco jitqies illegali. Talab li mhux aċċettabbli li tingħata rispsota hekk u talab li l-kumitat jistaqsi għal x'inhi d-differenza bejn Vape, Sigaretti u l-Heated Tobacco. L-Onor. Katya De Giovanni għaddiet is-suġġeriment li ssir mistoqsija parlamentari biex tintalab. Il-Kumitat qabel li tibqa' pendenti u jiġu preżentati l-Annex 1 u 2 imsemmija fit-tweġiba.

Petizzjoni Nru 18: Garaxxijiet fi driveways komuni privati ma għandhomx jiġu ostakolati, il-pulizija għandha tinforza: sar qbil biex terġa' tintbagħat reminder kif ukoll tkun waħda mill-petizzjonijiet li jiġu diskussi mal-Ispeaker fuq il-mod kif se jimxu fuqhom.

Petizzjoni Nru 22: Birkirkara, Oġġezzjoni għall-Applikazzjoni tal-Lukanda tħares fuq il-Bażilika: Inqrat it-tweġiba u l-kumitat qabel li tgħaddi għand il-petizzjonant u tiġi eżawrita.

Petizzjoni Nru 23: Oġġezzjoni għal PC 13/23 Manikata minn żona ta' żvilupp ta' Villel għal Żona Residenzjali: Inqrat it-tweġiba u l-kumitat qabel li tgħaddi għand il-petizzjonant u tiġi eżawrita.

Petizzjoni Nru 26: Waqqaf il-Kostruzzjoni ta' Inċineratur ta' Skart Ġenerali u Mediku (Fabbrika tal-Kanċer) fil-Magħtab: Il-President tal-Kumitat qara t-tweġiba l-ġdida li rċieva. Il-Kumitat qabel li peress li dan il-każ qiegħed bħalissa quddiem il-Qorti, skont linja gwida 3.8 tal-Kumitat dwar il-petizzjonijiet li jgħid: *"Il-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet għandu jissospendi t-trattazzjoni ta' petizzjoni jekk waħda millkundizzjonijiet imsemmija hawn fuq tavverra ruħha wara l-aċċettazzjoni tal-petizzjoni."*

Petizzjoni Nru 27: Urgent Call – Safety Concerns at SGPC Paola Primary School: Il-Kumitat qabel li tinbagħat reminder oħra lill-Ministeru biex jagħti r-rimarki tiegħu.

Petizzjoni Nru 28: Cremation in Malta: Inqrat it-tweġiba u l-kumitat qabel li tgħaddi għand il-petizzjonant u tiġi eżawrita.

Petizzjoni Nru 29: The Protection and Enforcement of Equal & Shared Parenting: Inqrat it-tweġiba u l-kumitat qabel li tgħaddi għand il-petizzjonant u tiġi eżawrita.

Petizzjoni Nru 30: Misraħ iż-Żjara tal-Papa – Free illegali tables and Chairs: Inqraw żewġ tweġibiet li l-kumitat irċieva. L-Onor. Castillo staqsa għala l-pjazza żgħira ma kinitx inkluża fil-pjan ħolistku mal-pjazza l-kbira tal-Mellieħa. L-Onor. Chris Agius qal li policies viġenti hemm. Għalhekk, il-petizzjoni għandha titqies bħala eżawrita.

Petizzjoni Nru 31: The End of Private Property in Malta: Inqrat it-tweġiba u l-kumitat qabel li tgħaddi għand il-petizzjonant u tiġi eżawrita.

Petizzjoni Nru 32: Halt Unnessecary Developement in Miżieb (Mellieħa) and reinstate ODZ Land: Inqrat it-tweġiba u l-kumitat qabel li tgħaddi għand il-petizzjonant u tiġi eżawrita.

Petizzjoni Nru 33: Health and Safety Insurance for farmers near Fireworks Factories: Il-Kumitat qabel li għandha tintbagħat ittra oħra lill-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol sabiex tingħata rimarka fuqha.

Petizzjoni Nru 34: Transform Evans Building into a Comunity Service Hub: Inqrat it-tweġiba u l-Kumitat qabel li għalissa titpoġġa on hold peress li t-tender qiegħda taħt appell.

Petizzjoni Nru 35: Withdrawl of MCAST legal action against a student filming Physical Violence: Il-Kumitat qabel li għandha tintbagħat ittra oħra lill-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isports, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni kif ukoll l-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol sabiex tingħata rimarka fuqha.

Petizzjoni Nru 36: Public Health Clinic f'Ħal Balzan: Il-Kumitat qabel li għandha tintbagħat ittra oħra lill-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva sabiex tingħata rimarka fuqha.

Petizzjoni Nru 38: Riforma Kostituzzjonali: Petizzjoni għal Demokrazzija Rappreżentattiva: Il-Kumitat qabel li għandha tintbagħat ittra lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru sabiex tingħata rimarka fuqha.

Petizzjoni Nru 39: Nilimitaw l-użu tal-bombi: Il-Kumitat qabel li għandha tintbagħat ittra lill-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol kif ukoll lill-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat sabiex tingħata rimarka fuqha.

Petizzjoni Nru 40: Consider Chamber of Architect's plans for Msida Creek: Il-Kumitat qabel li għandha tintbagħat ittra lill-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħol Pubbliku sabiex tingħata rimarka fuqha.

Petizzjoni Nru 41: Riforma fil-Pensjoni tal-Irtirar: Il-Kumitat qabel li għandha tintbagħat ittra lill-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal sabiex tingħata rimarka fuqha.

Petizzjoni Nru 42: Nitrasformaw lil Malta f'Nazzjon Sostenibbli u Ekoloġiku: Il-Kumitat qabel li għandha tintbagħat ittra lill-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir kif ukoll lill-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi sabiex tingħata rimarka fuqha.

Petizzjoni Nru 43: Stop the Development near Old Chapel Manikata permission PA 4280/24: Il-Kumitat qabel li għandha tintbagħat ittra lill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar sabiex tingħata rimarka fuqha.

Petizzjoni Nru 44: Restrict Daytime fireworks for the well-being of pets, babies and public peace: Il-Kumitat qabel li għandha tintbagħat ittra lill-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol kif ukoll lill-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat sabiex tingħata rimarka fuqha.

Petizzjoni Nru 45: Stop rent to Summer students in Swieqi: Il-Kumitat qabel li din tingħalaq minħabba li tmur kontra l-istanding orders tal-kumitat.

Petizzjoni Nru 46: Kunsiderazzjoni tal-azzjonijiet tal-kumpaniji tat-telekomunikazzjoni: Il-Kumitat qabel li għandha tintbagħat ittra lill-Awtorit dwar il-Komunikazzjoni kif ukoll lill-MCCAA sabiex tingħata rimarka fuqha.

Il-Petizzjonijiet 47 għadha ma għalqux sad-data li saret il-laqgħa tal-kumitat. Il-Petizzjoni għandha tiġi diskussi fil-laqgħa li jmiss hekk kif tkun għalqet għal firem.

Il-Kumitat għadda għall-petizzjonijiet li kienu sottomessi mill-Membri Parlamentari.

Petizzjoni MP-3 – Onor. Justin Schembri – Ħal Lija – Kulleġġ Santa Tereża – LPG Storage Facility: Inqrat it-tweġiba u l-kumitat qabel li tintbagħat lill-petizzjonant u tiġi eżawrita.

Petizzjoni MP-4 – Onor. Ivan Vassallo – Diskussjoni għal Traffic Management fi Triq Sir Temi Zammit, l-Imġarr: Il-President tal-Kumitat qara t-tweġiba li ta l-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi. L-Onor. Charles Azzopardi insista li xorta tibqa' problema peress li tħalla biss aċċess wieħed biex toħroġ u tidħol mill-Imġarr. Talab li l-kumitat jistaqsi x'ħa jsir dwar din is-sistema, x'ħa jsir biex tittejjeb u hux se terġa' ssir konsultazzjoni dwar dan.

Petizzjoni MP-5 – Onor. Ivan Castillo – Titjieb l-Aċċessibilità u s-Sigurtà fil-Bajja tal-Belvedere f'San Pawl il-Baħar: Inqrat it-tweġiba li l-kumitat rċieva. It-tweġiba għandha tintbagħat

Fis-6:45p.m. il-Kumitat ġie aġġornat għal data li kellha tiġi kkomunikata aktar tard.

**JARED SULTANA**
**SEGRETARJU TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. CHRIS AGIUS, MP**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**